

Partijiet oħra fil-proċedura: Ir-Repubblika Ellenika, Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tad-9 ta' Diċembru 2015, fil-Kawżi magħquda T-233/11 u T-262/11 u tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

1. Is-sentenza appellata ddeċidiet li l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 107(1) TFUE kienu ssodisfatti fir-rigward ta' żewġ miżuri ta' għajjnuna mill-Istat; l-ewwel miżura ta' għajjnuna mill-Istat tikkonċerna l-bejgħ tal-minjieri ta' Cassandra lill-appellanti bi prezz li huwa inqas mill-valur tagħhom fis-suq. It-tieni miżura tikkonċerna l-eżenzjoni mit-taxxa, fir-rigward tal-valur tal-art tal-minjieri.
2. L-appellanti tinvoka tliet aggravji, tnejn fir-rigward tal-ewwel miżura ta' għajjnuna mill-Istat u wieħed fir-rigward tat-tieni miżura ta' għajjnuna mill-Istat. B'mod iktar speċifiku:
  - Fir-rigward tal-ewwel miżura ta' għajjnuna mill-Istat: l-appellanti ssostni li l-evalwazzjoni fis-sentenza appellata fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ hija vvizzjata minn żbalji ta' liġi, flimkien ma' difett ta' motivazzjoni u irregolarità proċedurali fir-rigward tal-valur tal-minjieri.
  - Fir-rigward tal-ewwel miżura ta' għajjnuna mill-Istat: l-appellanti ssostni li l-evalwazzjoni fis-sentenza appellata fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ hija vvizzjata minn żbalji ta' liġi, flimkien ma' difett ta' motivazzjoni, fir-rigward tal-valur tal-art.
  - Fir-rigward tat-tieni miżura ta' għajjnuna mill-Istat: l-appellanti ssostni li l-evalwazzjoni fis-sentenza appellata fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ hija vvizzjata minn żball ta' liġi.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (Ir-Rumanija) fid-19 ta' Frar 2016 –  
SC Paper Consult SRL vs Direcția Regională a Finanțelor Publice Cluj Napoca, Administrația  
Județeană a Finanțelor Publice Bistrița Năsăud**

**(Kawża C-101/16)**

(2016/C 175/09)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Cluj

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Paper Consult SRL

Konvenuti: Direcția Regională a Finanțelor Publice Cluj Napoca u Administrația Județeană a Finanțelor Publice Bistrița Năsăud

**Domandi preliminari**

- 1) Id-Direttiva 2006/112/KE <sup>(1)</sup> tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrifjuta d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lil persuna taxxabbli minħabba l-fatt li l-fornitur preċedenti, li ħareġ il-fattura li fuqha jinsabu indikati separatament l-ispiża u l-VAT, ġie ddikjarata inattiv mill-amministrazzjoni fiskali?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, id-Direttiva 2006/112/KE tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ttipprovi li huwa biżżejjed li tiġi ppubblikata l-lista tal-persuni taxxabbli ddikjarati inattivi fis-sede tal-aġenzija nazzjonali ta' amministrazzjoni fiskali kif ukoll fuq il-paġna internet tal-imsemmija aġenzija, fis-sezzjoni "Informazzjoni pubblika – informazzjoni relatata mal-aġenti ekonomiċi", sabiex ikun jista' jiġi rrifjutat id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT fiċ-ċirkustanzi tal-ewwel domanda?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-23 ta' Frar 2016 – Lg Costruzioni Srl vs Area – Azienda Regionale per l'Edilizia Abitativa – Distretto di Carbonia, Area – Azienda Regionale per l'Edilizia Abitativa**

(Kawża C-110/16)

(2016/C 175/10)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* Lg Costruzioni Srl

*Appellati:* Area – Azienda Regionale per l'Edilizia Abitativa – Distretto di Carbonia, Area – Azienda Regionale per l'Edilizia Abitativa

**Domanda preliminari**

Dispożizzjoni bħal dik tal-Artikolu 53(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163, tas-16 ta' April 2006, li tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' impriża b'disinjatur ta' proġett "indikati", li skont il-ġurisprudenza nazzjonali ma jistax jinvoka l-kwalitajiet ta' terz, peress li ma huwiex offerenti, hija kompatibbli mal-Artikolu 48 tad-Direttiva KE Nru 18, tal-31 ta' Marzu 2004?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-24 ta' Frar 2016 – Persidera SpA vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Ministero dello Sviluppo Economico delle Infrastrutture e dei Trasporti**

(Kawża C-112/16)

(2016/C 175/11)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato